# HERITAGE MALTA ĊĊERTIFIKATA UFFIĊJALMENT BĦALA L-AGGREGATUR NAZZJONALI GĦALL-WIRT KULTURALI TA' MALTA

**Stqarrija | 17 ta' April 2025**

Heritage Malta ġiet iċċertifikata uffiċjalment bħala l-44 Aggregatur ta' Europeana u l-Aggregatur Nazzjonali għall-Wirt Kulturali ta' Malta. Din hija kisba importanti kemm għal Heritage Malta kif ukoll għal pajjiżna, billi issa d-dejta dwar wirt kulturali diġitizzat tista' tiġi ppubblikata direttament fuq Europeana – pjattaforma online li tipprovdi aċċess għall-wirt kulturali Ewropew lill-pubbliku ġenerali, inklużi professjonisti, għalliema, riċerkaturi, u nies li jħobbu l-istorja.

L-aħbar saret magħrufa aktar kmieni dan ix-xahar, wara laqgħa tal-Forum tal-Aggregaturi ta' Europeana li fiha Anthony Cassar, li jmexxi t-Taqsima tat-Teknoloġija u l-Iżvilupp tal-Esperjenza fi ħdan Heritage Malta, għamel preżentazzjoni bħala l-applikazzjoni formali tal-aġenzija. Wara l-preżentazzjoni ttieħed vot li kkonferma lil Heritage Malta bħala l-aggregatur nazzjonali. Għalkemm il-Gvern Malti kien assenja dan ir-rwol lill-aġenzija fl-2022, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali tagħti lil Heritage Malta għarfien formali u sinifikanti fuq livell Ewropew.

Id-dejta dwar wirt kulturali ppreżentata fuq is-sit ta' Europeana tiġi pprovduta minn eluf ta' istituzzjonijiet Ewropej, fosthom galleriji tal-arti, libreriji, arkivji, u mużewijiet. Bħalissa hemm aktar minn 60 miljun oġġett elenkati fuq is-sit. Il-pjattaforma taħdem permezz ta' aggregaturi, bħal Heritage Malta, li jaġixxu bħala medjaturi tekniċi għal istituzzjonijiet oħra f'kull pajjiż biex jgħinuhom jaqsmu l-kollezzjonijiet tagħhom ma' ħaddieħor virtwalment.

Fil-każ ta' Heritage Malta, l-ewwel pass kien li ħolqot konnessjoni bejn Europeana u l-Collections Management System (CMS) tal-aġenzija, imwaqqfa dan l-aħħar, fejn il-kollezzjoni nazzjonali qed tiġi katalogata, filwaqt li ġie żgurat li d-dejta, ir-ritratti, u l-metadejta huma skont l-istandards tekniċi rikjesti minn Europeana. L-ewwel kollezzjonijiet li tqiegħdu fuq il-pjattaforma jinkludu kważi 1,000 artefatt mill-Mużew Marittimu ta' Malta u mill-Mużew tal-Arkeoloġija ta' Għawdex. L-artefatti tista' tarahom hawn: https://www.europeana.eu/en/collections/organisation/3606-heritage-malta

Kull artefatt hu akkumpanjat b'deskrizzjoni u bi stampa ċara, grazzi għall-ħidma tal-kuraturi ta' Heritage Malta u tat-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni fi ħdan l-aġenzija. Din id-dejta tista' tiġi aċċessata minn kull min juża l-portal ta' Europeana u se tkompli titkattar fis-snin li ġejjin. B'hekk tikber il-viżibilità kemm ta' Heritage Malta kif ukoll tal-wirt kulturali Malti b'mod ġenerali.

F'kumment dwar din il-kisba, Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, qal li dan huwa l-qofol ta' viżjoni li twieldet sitt snin ilu bil-ħolqien tat-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni fi ħdan l-aġenzija. "Dik li bdiet bħala ħolma ambizzjuża issa qed tqiegħed lil Malta fuq il-mappa tal-wirt diġitali, b'Heritage Malta turi t-triq lil ħaddieħor," qal is-Sur Zammit.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Anthony Cassar irrimarka li dan hu r-riżultat ta' snin sħaħ ta' ħidma, li kienet tinkludi t-twaqqif ta' Collections Management System skont standards internazzjonali ta' metadejta kif ukoll il-ħolqien ta' infrastruttura fit-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni li tintegra direttament ma' Europeana. "Bis-saħħa tal-ħidma ta' dawk kollha involuti, is-CMS tagħna issa tingħaqad mas-sistema tal-aggregazzjoni ta' Europeana permezz ta' APIs (Application Programming Interfaces), u b'hekk il-pubblikazzjoni tkun tista' ssir b'mod awtomatiku ladarba l-kuraturi japprovaw it-tagħrif," qal is-Sur Cassar.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta